# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u erbgħin (43) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM), li nżammet nhar is-16 ta' Frar 2010 fis-7:00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Charles Farrugia** bagħat *e-mail* aktar kmieni matul il-jum fejn **skuża ruħu** li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu mibgħuta minn qabel, koreġġuti, approvati u ffirmati. Infatti il-Kunsillier Nicholas Briffa ressaq il-korrezzjonijiet tiegħu għall-punti 13 u 14 bil-miktub.

**PUNTI MILL-MINUTI:**

3. Is-Sur Aaron Briffa, flimkien mas-sindku huma mistennija li jipproduċu d-**diżinn** tat-*token* li se jibda jingħata f'Jum l-Imqabba, peress li fil-kompetizzjoni li kien nieda l-kunsill fil-ħarġa preċedenti tal-fuljett, ħadd mir-raħal ma ħa sehem fiha.

4. Dwar is-suġġeriment li jsir ***coffee morning*** kien hemm proposta biex dan isir fir-*Restaurant Southport* f'Marsaxlokk wara li l-istess prezzijiet għandhom ikunu hekk ikkunsidrati minn dan il-kunsill. Dan hu mistenni li jsir f'Marzu 2010.

5. B'riferenza għat-talbiet tagħna mat-*Transport Malta (TM)*, **l-*extensive patching*** fil-lokalità tagħna, hu mistenni li jsir il-ġimgħa d-dieħla. Dan biex jissewwew kemm toroq arterjali, li huma fir-responsabbiltà tat-*TM*, kif ukoll oħrajn li llum huma meqjusa bħala tali.

6. Ix-xogħol fl-**uffiċċju tal-*customer care*** tal-KLM fis-sular t'isfel jinsab f'fażi avvanzata f'dak li hu dekorazzjoni nterna, u l-KLM diġà talab li ningħataw il-fondi li kienu wiegħduna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7. Dwar il-**monument** li fuqu se jkunu imnaqqxa l-ismijiet ta' dawk kollha li ħadu 'Ġieħ l-Imqabba', is-sindku qal li l-Viċi Sindku, Charles Farrugia qiegħed f'arranġamenti mal-kuntrattur *Agius Stone Works* sabiex il-kelmiet isiru fuq pjanċa tal-*istainless steel.*

8. Is-sindku rrefera għal bosta **applikazzjonijiet** li mela l-KLM u kienu ġew sottomessi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Hu qal li ta' dawn kollha għandna l-*acknowledgement* tagħhom u qed nistennew tweġiba lura.

9. Is-sindku żamm lill-kunsillieri infurmati illi hu ltaqa' mal-kuntrattur tal-kumpanija ***Greenpak*** u wrijhom fejn ġejjin ir-reċipjenti tas-seprazzjoni li se nkunu qed nipprovdu lill-pubbliku biex inħajruh jissepara aktar. Sett minn dawn ir-reċipjenti se jitpoġġew fejn il-Katakombi tal-Mentna, se npoġġu sett f'Misraħ il-Fidwa fejn il-bandli, u nibagħtu ittra bħala talba lill-Każin tal-Futbol u oħra lill-iskola biex inpoġġu żewġ settijiet fejn dawn is-siti. Noel Galea qal li se nagħmlu l-***launch*** ta' din l-iskema f'forma ta' *press conference* filwaqt li hu ttamat li l-kuntratt jibda jaħdem mit-22 ta' Frar 2010.

10. Is-segretarju eżekuttiv ħalla kopja tal-punti lill-kunsillieri fil-garżelli tagħhom, li ħa meta kien preżenti kemm fil-**laqgħa mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** tard f'Jannar 2010, **dik tal-laqgħa mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V (SSM)**, u l-minuti tal-laqgħa pubblika. Is-

sindku qal li fil-laqgħa li kellna mas-SSM jidher li hemm aktar ħeġġa biex jipparteċipaw f'banda waħda. Hu qal li jaħseb li jkun għaqli li nistiednu lir-rappreżentanti tal-banda tal-każini flimkien mas-surmastrijiet rispettivi tal-banda biex niltaqgħu magħhom. Madankollu xi kunsillieri ġibdu l-attenzjoni illi dan irid isir *through* il-Kumitat Ċentrali għax m'għandna l-interess li naqbżu 'l ħadd fil-ġerarkija kumplessa tal-istess każini tal-banda. Intant fi tmiem din id-diskussjoni tal-każini reġa' ssemma l-*iscreen* li nkiser meta qed jingħad li dan seħħ fl-attività tal-kunsill tat-2 ta' Ottubru 2009, u dak iż-żmien ħadd ma kien infurmana.

11. Is-sindku ppreżenta ittra ffirmata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni (issa nbidlitlu n-nomenklatura) datata il-15 ta' Frar 2010, fejn il-**KLM qed jingħata s-somma ta' €300,000 mill-Gvern Ċentrali** illi fi żmien sena jasfalta l-lista annessa ta' toroq billi joħroġ il-kumplament tal-fondi mill-fondi tiegħu. Waħda oħra mill-kundizzjonijiet hija li 30% minnhom jingħataw meta jibdew ix-xogħlijiet u l-kumplament jiġu rilaxxati meta l-kunsill ilestihom kollha. Is-sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għaliex l-ammont tela' daqshekk, minħabba li l-kunsill informa lill-istess Segretarju Parlamentari illi m'aħniex se nduru fuq il-banek u illi se jsir arranġament mal-kuntrattur sabiex dan jitħallas b'*installments* fuq perjodu ta' snin. Infatti s-sindku qal li qed jagħmel l-abbozz ta' dan il-ftehim li se jkopri l-ispiża kollha tat-toroq, wara li informa lill-KLM illi kellu laqgħa mal-kuntrattur Pawlu Magro u wara li kien konfermat illi l-ispiża (li jrid joħroġ il-KLM) fuq il-mejnijiet tal-ilma f'dawk it-toroq li jridu jinbidlu, mhix se taqbeż it-€30,000. Madankollu, kemm is-sindku kif ukoll is-segretarju eżekuttiv qalu illi l-KLM mhux se jkun f'pożizzjoni illi jaqta' d-dejn kollu fuq tliet snin, minħabba obbligi li qed jgħaddu minn jum għal jum u peress li hemm diġà *committments* fuq spejjeż ta' ospitalità. Dan għandu jaffettwa l-kalkulazzjonijiet li qed isiru wkoll mill-Kunsillier Nicholas Briffa. Infatti l-istess Nicholas Briffa diġà rrefera għal komunikat illi għadda s-segretarju eżekuttiv lid-dipartiment illi l-flus ivvutati mill-gvern fuq ir-rimi tal-iskart, mhux se tkun qed tlaħħaq għall-ispiża tagħna maħduma fuq il-kontijiet li qed nirċievu mill-*WasteServ Malta Ltd*, bħalma l-istess kunsillieri jafu wkoll li hemm insostenibilità kbira fuq il-*Law Enforcement System* kif elenkata mill-istess segretarju eżekuttiv fl-istess *e-mail* li ntbagħtet waqt li qed jitħejja l-*business plan* għat-tliet snin li ġejjin. Minkejja dan, Nicholas Briffa qal li l-kunsill xorta għandu jibqa' għaddej bil-pjan fuq tliet snin.

12. Wara li tefgħet ir-reżenja il-**librara** Bridget Saliba, il-KLM b'konsultazzjoni mad-Direttur Libreriji Pubbliċi avviċina lill-persuna li kienet warajha fuq il-lista tal-intervisti – Nathalie Azzopardi. Din (informalment, mhix bil-miktub) aċċettat illi sservi flok dik ta' qabilha. Minn hawn 'il quddiem, is-segretarju eżekuttiv se jipprovdilha t-taħriġ permezz tad-dipartiment fuq indikat.

13. Il-kaxxa li jixtiequ jwaħħlu l-*Melita plc* magħrufa bħala ***pedestal*** biex jaqilgħu arblu minn quddiem faċċata ta' dar fi Triq Karmenu Ciantar, issa qed teħel fis-sit indikat mis-sindku. Dwar iż-żjara li għamel fostna r-rappreżentant tal-*Melita plc*, is-sindku qal li minħabba loġistika, ma tistax issir fejn il-*Youth Centre* fejn issuġġerixxa l-KLM fis-seduta preċedenti. Madankollu xorta hemm spazju biex issir f'dawn l-inħawi viċin fejn indikat lilna mill-istess rappreżentanti tal-*Melita plc*.

14. L-**intervista** fil-programm fuq il-*PBS* organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, se tkun organizzata nhar id-19 ta' Mejju 2010 fejn is-sindku se jkun il-mistieden speċjali. Din se ssir bħala waħda mill-inizjattivi biex il-kunsilli jkollhom leħen anke f'post prominenti fil-*media* fi *prime time.*

15. Il-KLM ħa d-deċiżjoni illi l-*event* ***Science in the Community*** tkun organizzata fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2010. Hawn intqal illi jkun idejali illi din tkun nhar il-Ħadd, 9 ta' Mejju, 2010, għaliex wara se jkun diffiċli billi nidħlu fis-sħana u ż-żmien tal-festi. L-għażla alternattiva tkun it-12 ta' Settembru 2010. Din id-data se tkun ikkomunikata lill-Università ta' Malta fil-jiem li ġejjin mis-segretarju eżekuttiv.

16. Il-wirja tal-**gallariji Maltin** proposta li ssir fostna wkoll fl-Isptar il-Qadim, se tkun organizzata f'Lulju 2010. Għal din il-wirja, se naraw li ma jtellfuniex l-attivitajiet li jkunu organizzati fl-Isptar il-Qadim bħalma huma l-korsijiet li jixtieq jorganizza l-Kunsill Lokali Mqabba fis-Sajf bħal dawk tal-*computer* eċċ.

17. Wara li konna mċaħda r-refużjoni għall-infieq li kien għamel il-KLM f'manutenzjoni tal-**Isqaq tan-Nar** fl-inħawi tal-Ħandaq/Ta' Kandja, issa se nagħmlulhom talba oħra biex dawn jagħmlu l-manutenzjoni li hemm bżonn f'dan l-isqaq frekwentat minn bosta Mqabbin li jaħdmu n-nar.

18. Il-kunsillieri kienu infurmati li l-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd*, applika għall-permessi tal-kisi tat-toroq bit-tarmak proposti mill-KLM permezz tas-**sistema** magħrufa bħala **tat-*trenching,*** li teżisti fuq il-*computer*, fejn l-entitajiet kollha li għandhom l-infrastruttura jkunu mitluba jwieġbu jekk hemmx bżonn li jinbidlu xi servizzi jew le.

19. Is-sindku ppropona li joħroġ fuljett kull xahrejn u anke illi jinbidillu l-format tiegħu. Hu qal illi l-isem ta' dan hu maħsub li jinbidel għal wieħed bl-isem "**Fuq l-Għatba tal-Kunsill**" u jkun iffurmat minn karta A3 mitwija. Dan sabiex nibdew ninfurmaw aktar spiss lir-residenti xi jkun qed isir fil-lokalità tagħna mill-KLM. Hu qal li ltaqa' ma' Mersia Mackay li qed tieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni.

20. Dwar il-proġetti u applikazzjonijiet li nistgħu nimlew, is-sindku semma dak ta' **proġetti speċjali f'lokalitajiet żgħar**. Hu ssuġġerixxa proġett bi sħab mal-Iskola Primarja Mqabba li se jkun jikkonsisti fl-istallazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi kif ukoll proġett simili mal-Knisja Parrokkjali. Dan dejjem bl-iskop ewlieni illi dawn l-entitajiet inaqqsu mill-kont tad-dawl tagħhom u jkunu aktar sostenibbli.

21. Dwar il-proposta' tas-segretarju eżekuttiv biex ikun installat *lift* fil-Muniċipju, ħalli jirrendi wkoll is-sular ta' fuq aċċessibbli, il-kunsillieri qalu illi dan se jkun diffiċli li jsir hawn, kemm minħabba l-att finanzjarju kif ukoll minħabba l-bini li hu dak li hu – skedat għall-importanza storika tiegħu. Madankollu kienet proposta illi ssir **rampa għaċ-ċimiterju**. Dan jaqa' fir-responsabbiltà tal-Knisja. Hawn intqal li dan is-sit xorta waħda hu sit pubbliku. Biex issir din l-applikazzjoni, hemm xogħol ta' perizja u jrid jinbidel l-*alignment* tat-triq u għalhekk approvazzjoni mill-*MEPA* u ta' dan il-kunsill biex isiru l-pjanti.

22. Dwar il-possibilità ta' akkwist ta' **fondi addizzjonali għall-pjazez u ċentri storiċi,** is-sindku qal li l-KLM għandu waħda *pending*. Dik tal-miżura 313/323 ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku qal li se nippruvaw nużaw l-informazzjoni kollha li ġbarna permezz ta' din l-applikazzjoni biex infittxu fondi oħra lokali għall-iskop tagħna, jiġifieri biex intejbu din il-*junction* u nsebbħuha.

23. B'riferenza għar-**rapporti** li qed isiru mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali **fuq il-bandli** li jeżistu f'Malta w'Għawdex, rigward is-sigurtà tagħhom, intqal illi jinħtieġ li Misraħ il-Fidwa jkun ridiżinjat mill-ġdid. Is-sindku żied jgħid li hemm ukoll l-element ta' nuqqas ta' sigurtà għaliex m'hemmx *rubber carpet*. Paul Spiteri semma wkoll is-*see-saw* li qal li hija perikoluża ħafna.

24. Il-kunsill iddiskuta wkoll applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp fi Triq tas-Sejba biex jitpoġġa, ***Waste Recycling Plant (crusher)*** f'barriera użata. Minkejja li proġetti ta' dan it-tip jeżistu fir-raħal tagħna, diġà waslulna rapporti minn residenti li joqgħodu viċin, jiġifieri minn ta' Triq il-Parroċċa, illi qed ikollhom jissaportu ħafna ħsejjes ta' makni, riħa ta' *diesel* u trab itir fuq il-propjetà tagħhom. Il-barriera illum hija mimlija sa fuq u jeżistu ħitan għoljin ħafna li llum qed jostru tinda kbira li twaqqfet għal dan l-iskop li tidher saħansitra minn kullimkien. Il-KLM se joġġezzjona mal-*MEPA* għal dan l-iżvilupp minħabba r-residenti tiegħu. Kienet propju l-*MEPA* li pprovditilna din l-applikazzjoni għall-konsiderazzjoni tagħna u kien hemm suġġeriment mill-KLM illi jsir *Environmental Impact Assessment.*

25. Qamet id-diffikultà **tal-parkeġġi fi Triq il-Fjuri** wara li l-ħaddiema tal-kunsill ħassru l-linji sofor li kienu diġà jeżistu. Dan sar wara li kien hemm oġġezzjoni minn residenti li joqogħdu f'din it-triq, u issa li tħassru, hemm oġġezzjonijiet oħrajn ġodda minn terzi.

26. Kienet diskussa l-proposta ta' ***residential parking*** fi Triq l-Aħwa Ghigo li ssuġġerixxa resident ieħor. Hawn intqal illi d-diffikultà biex tipparkja fiċ-ċentru ma teżistix biss f'din it-triq iżda fit-toroq kollha. Madankollu il-kunsill jirrikonoxxi l-fatt li f'din it-triq inbnew ħafna *garages* li qed jintużaw għal imħażen /ħwienet.

27. Is-sindku qara ittra li rċieva mis-Soċjetà Santa Marija biex nhar il-Ħadd 21 ta' Frar 2010 itellgħu **attività soċjali fil-Pjazza tal-Knisja**, Mqabba. Applikazzjoni oħra minn din is-soċjetà saret biex jingħalqu wkoll toroq fid-9 ta' April 2010. Għal dan kollu s-segretarju eżekuttiv qal li hemm l-obbligu li s-soċjetà tiġi tagħmel il-permess tal-attività li jqum €6.99 biss u ġġib il-permessi l-oħra li jkun hemm bżonn.

28. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi hu se jattendi għal-**laqgħa** li se tagħmel **għas-sindki**, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-26 u s-27 ta' Frar 2010 fil-lukanda *Radisson*, San Ġiljan.

29. Is-sindku informa lill-kunsillieri wkoll illi applikajna għal **skema** oħra, magħrufa bħala dik **għall-attivitajiet nazzjonali li jsiru fil-lokalitajiet.** Dan wara li kienet ġiet ċirkulata *Memo* 32. L-applikazzjoni tagħna hija bbażata fuq l-ispiża sproporzjonata kumparata ma' lokalitajiet oħra li l-kunsill tagħna qed ikollu jonfoq fuq il-festi minħabba l-influss kbir ta' nies fir-raħal. Dan sabiex iżomm l-indafa u fuq kollox id-dixxiplina. Is-sindku qal li l-festi fir-raħal tal-Imqabba huma dawk ta' skala nazzjonali bħalma talludi għalihom l-istess *memo* permezz ta' din l-iskema.

30. *Memo* oħra li ssemmiet mis-sindku li kienet tippromwovi skema oħra, hija dik ta' **taħwil ta' siġar**. Minn naħa tagħna qed nipproponu fil-proposta li għamilna, illi l-barriera li mtliet f'Ta' Kandja u li qabel kienet tintuża biex il-pulizija jaħżnu l-karozzi mfarrka fiha, tkun imdawwra bis-siġar għan-naħa tat-triq. Infatti dan l-ispazju bil-ħamrija biex ikun hemm *landscaping* ta' din it-triq, diġà jeżisti.

31. Dwar għajnuna fi **proġetti speċjali mill-kunsilli lokali żgħar,** is-segretarju eżekuttiv kien iċċirkula l-proposta tiegħu biex jissebbaħ Ġnien il-Ġibjun. Madankollu din ġiet injorata għaliex is-sindku qal li jaqbel li napplikaw għal lampi fotovoltaiċi fi Triq Ħal Kirkop, fejn iċ-ċimiterju u viċin il-ħarruba li kellha tinqala' biex iċċedi għall-iżvilupp, int u sejjer lejn il-Mentna.

32. Kienu approvati u ffirmati l-***Payment Approval Sheets* numri 369 u 370.**

33. Fl-aħħar nett issemmiet il-**barikata** li jinħtieġ li teħel fi **Triq tas-Sejba** minn *TM*. Ftit 'l isfel seħħ inċident ikrah bejn żewġ vetturi tqal li kien gravi ħafna u li seta' kellu konsegwenzi ikbar li kieku seħħ fejn qed nipproponu din il-*barrier*.

34. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*02 /03 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |